# Il-Kappella ta' San Anard fil-Mosta: kult u patrimonju li għadhom b'saħħithom fit-tielet millennju tal-Kristjaneżmu

Louis Vassallo



Għal mijiet ta' snin, il-Mediterran kien iċ-ċentru ta' battalji mdemmija bejn l-Insara u l-Misilmin. Bosta Maltin u Għawdxin waqgħu lsiera u ttieħdu f'Barbarija. Il-familjari ta' dawn l-ilsiera kienu jiġbru somom sostanzjali ta' flus biex jiġu mifdija l-għeżież tagħhom u b'hekk jerġgħu jirfsu l-art Maltija. Oħrajn ma kellhomx ix-xorti li jiġu meħlusa għax kienu jilħqu jmutu fil-jasar. Il-Mostin ġarrbu sew din l-esperjenza ta' tbatija u turufnament meta fl-1526, bosta minnhom ġew misruqa biex jittieħdu bħala lsiera. Kawża ta' dan il-fatt, ir-raħal tal-Mosta kien ftaqar sew minħabba li qrabathom kellhom joħorġu ammonti kbar ta' flus biex jiġu mifdija ħuthom il-Mostin. L-aħħar grupp ta' lsiera li rritornaw lura f'pajjiżhom wara snin twal ta' jasar wasal fil-bidu tal-ħakma Ingliża f'Malta, eżattament fl-1816. B'hekk wieħed jista' jikkonkludi li l-jasar li l-Maltin u l-Għawdxin ġarrbu taħt idejn il-Mislem, dam ikarkar għal tul sitt sekli sħaħ!


Ritratt: Louis Vassallo

**Il-kappella ta' San Anard li tinsab fil-pjazza li ġġib l-isem ta' l-istess qaddis**

## Devozzjoni

Minħabba l-biża' mill-furbani u l-kursari, f'nofs is-seklu XI, madwar l-Ewropa nibtet u tħeġġet devozzjoni qawwija lejn San Anard li hu meqjus bħala l-protettur ta' l-ikkalzrati. Fi Spanja, Franza, il-Belġju, l-Italja, l-Ingilterra, il-Polonja, l-Isvizzera u l-Ġermanja, ġew mibnija għadd ta' knejjes u kappelli f'ġieħ San Anard. L-Insara Ewropej kienu jemmnu li dan il-qaddis kellu s-setgħa li jeħles lill-ħabsin. Għalhekk dawk l-ilsiera li kienu jaqgħu f'idejn il-kursari kienu jduru lejn San Anard biex ikollu ħniena magħhom. San Leonardu għex fis-seklu VI u kien jabita qrib Limoges fi Franza bħala eremita, fejn miet fis-sena 559 w.K.

## Il-kult

Il-kult minsuġ madwar San Anard hu mifrux ħafna f'dawn il-gżejjer u joħodna lura fiż-żmien meta bosta Maltin u Għawdxin kienu jaqgħu fl-iskjavitù. Dawn l-imsejkna kienu jinxteħtu f'riġlejn il-padrun tagħhom biex jeħlishom mill-jasar. Il-poeta Rużar Briffa jittanta jistħarreġ il-kult ta' San Anard fi twemmin il-poplu tagħna, meta fil-poeżija 'Dwejjaq Missirijietna' jinseġ dawn il-vrus:

Illi tbiegħed lill-kursari
Jitolbuk, O San Anard
U li treġġa' l-ulied nieqsa
ġo di' l-art.

U meta l-Viżitatur Appostoliku, Mons. Pietro Dusina, żar il-parroċċi kollha f'Malta u Għawdex, kien sab numru ta' knejjes u kappelli tal-kampanja mibnija f'ġieħ dan il-qaddis. Xi wħud minnhom sfaw imġarrfa matul il-milja taż-żmien. Iżda mill-1575 'l hawn, meta Dusina kien

ħalla rendikont bil-miktub dwar l-istat ta' kull knisja f'pajjiżna, kienet inbniet kappella oħra f'ġieħ San Anard f'Ħaż Żabbar fl-1656 minn Nardu Sammut. X'aktarx li l-kult lejn San Leonardo jmur lura sal-bidu tas-seklu tlettax, ġewwa l-għar li jinsab fuq sies ta' quddiem il-knisja tal-Lunzjata fir-Rabat. Meta l-patrijiet Karmelitani ħallew il-kunvent tagħhom fl-inħawi tal-Lunzjata biex imorru l-Imdina fl-1659, huma xorta waħda baqgħu jiċċelebraw il-festa ta' San Anard li taħbat nhar is-6 ta' Novembru.

### Tal-Mosta

Fost numru sabiħ ta' kappelli u knejjes żgħar li sal-lum għadhom isebbħu t-toroq, l-imsieraħ u l-kampanja tal-Mosta, nsibu dik iddedikata lil San Leonardo. Din il-ġawhra prezzjuża, frott il-fidi ta' missirijietna, tmur lura sa minn qabel l-1575. Fil-fatt, il-kappella li naraw illum ġiet mibnija fl-istess post fejn lura ħafna fiż-żmien kienet tinsab kappella ferm eqdem.



Ritratt: Louis Vassallo

*L-istatwa ta' San Anard fil-kappella ddedikata lilu*

### Benefatturi

Il-benefattriċi ta' din il-kappella, mibnija fl-1568 hi Bernarda Mangion. Barra li ħallset għall-bini ta' din il-kappella, Mangion għamlet tajjeb ukoll għall-fundazzjonijiet ta' quddies, irreġistrati fl-atti tan-Nutar Gian Paolo Fenech nhar il-15 ta' Marzu 1568. Biex jiġu mħallsa ċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' San Anard u quddies ieħor matul is-sena, din il-benefattriċi ħalliet għal dan il-għan il-proprjetà li kellha fl-inħawi ta' Ħal Pisa u f'Ħal Dimekk. Dawn il-lokalitajiet fi trufijiet il-Mosta ilhom li saru tifkira mill-imgħoddi.

Benefattur ieħor hu Ġużeppi Mangion li fl-atti tan-Nutar Giuseppe Gatt nhar l-4 ta' Marzu 1697, kien ħalla parti mill-proprjetà tiegħu biex jinxtegħel il-lampier ta' din il-kappella nhar ta' Sibt u Ħadd u fil-festi li kienu jiġu ċċelebrati bħal dawk ta' San Anard, ta' l-Anġlu Kustodju, tat-twelid ta' San Ġwann il-Battista, ta' San Bernard u ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju.

### Ġrajjiet

Huma ħafna dawk il-ġrajjiet importanti marbuta ma' l-istorja ta' din il-kappella Mostija f'ġieħ San Anard. Insemmu l-viżta pastorali ta' Mons. Dusina fl-1575, dik ta' l-1680 meta kien żarha l-Isqof Molina u l-oħra mill-Isqof Paolo Alpheran de Bussan fl-1745. Dari, il-purċissjonijiet bis-sehem tal-fratelli u tat-talb tal-fidili nhar San Mark u kif ukoll ta' Korpus, kienu jagħmlu waqfa qasir f'din il-kappella. Il-purċissjoni nhar San Mark kienet toħroġ mill-parroċċa u tmur sal-kappella ta' San Anard u terġa' lura fil-knisja arċipretali. Din il-purċissjoni kienet issir bl-iskop li matulha jingħad it-talb ħalli jitbierku l-irjieħ u b'hekk jiġu mħarsa l-uċuħ tar-raba'.

### Regazzjonijiet

Fl-imgħoddi kienu popolari wkoll il-purċissjonijiet tar-Regazzjonijiet u li kienu jsiru matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu. Dawn il-purċissjonijiet marbuta mal-festa ta' Lapsi (li kienet tiġi ċelebrata l-Ħamis). Kienu jsiru t-Tnejn, t-Tlieta u l-Erbgħa ta' qabel din il-festa tant għażiża ma' missirijietna. It-Tnejn kienet toħroġ purċissjoni mill-parroċċa għal San Anard u wara lura fil-knisja arċipretali, waqt li titkanta l-Litanija tal-Qaddisin. L-għada, fil-jum tat-Tlieta, il-purċissjoni kienet toħroġ mill-parroċċa, tiġbed għall-knisja ta' San Anton Abbati u terġa' lura fil-knisja Arċipretali. L-Erbgħa kien isir kollox eżatt bħal jum tat-Tnejn.

Skylab
DIGITAL IMAGING
DIGITAL SERVICES
Negative Film to CD
Slides to CD
Prints to CD
Prints from Prints
Prints from Slides
Cropping
Black & White Prints from Colour Negatives
Photo Restoration
Coloured Border Prints
Text on Prints
Passport Photos
Poster Prints up to 12" x 18"
35mm & APS Film Processing in 30 minutes
Package Prints
Index Prints
Rotunda Square, Mosta
Tel: 21413379, 21438531 • Fax: 21432014
E-mail: images@cauchis.com



Ritratt: Louis Vassallo

*L-artal tal-kappella ta' San Anard armat f'jum ta' festa*

**Funerali**

Barra minn dan, din il-kappella kienet tintuża' wkoll għall-funerali, peress li dawk il-mejtin li kienu jmutu f'xi sptar, kienu jġibuhom proprju f'din il-kappella biex imbagħad jitwasslu f'korteo għall-knisja arċipretali. Jien għadni niftakar sewwa meta mietet in-nanna Karmni, omm missieri, u t-tebut tagħha kien inġieb f'San Anard, qabel ħaduh ir-Rotunda għall-quddiesa *praesente cadavere*. Il-funerali tal-qassisin biss, għadhom isiru mill-kappella ta' San Anard, u dan s'intendi skond ix-xewqa tal-familjari. It-tebut ta' Dun Anton Muscat kien inġieb f'din il-kappella biex wara, ittieħed f'korteo għar-Rotunda nhar il-5 ta' April, 1999. L-istess ħaġa kienet saret nhar it-3 ta' April 2004 għall-funeral ta' Dun Stiefnu Fava. Fuq inizjattiva ta' Mons Dun Joe Carabott din il-kappella, peress li hi l-aktar waħda qrib il-parroċċa, bdiet tintuża għall-purċissjoni tradizzjonali ta' Ħadd il-Palm, u xi minn daqqiet għat-Transulazzjoni bir-relikwa tal-Madonna, lejliet il-festa tar-raħal.

### Tibdil

Fl-1907, sar xi tibdil strutturali f'din il-kappella mirrettur tagħha Dun Karm Camilleri Chetcuti (1868-1949). L-aktar ħaġa li jispikka hu l-kampnar ewlieni, li dan il-qassis kien bena f'nofs il-faċċata tagħha. Dan ir-rettur ħa ħsieb li l-art jiksiha bil-madum, iwaħħal sett kwadri tal-Via Sagra u rnexxielu jsib l-ispazju meħtieġ biex ipoġġi pulptu ta' l-injam. U fost bosta ħwejjeġ oħra, Dun Karm ikkommissjona lil Victor Xerri, li kien dekoratur prim min-Naxxar. Dan in-Naxxari kien iddekora s-saqaf bi kwadranti mpittra u fuq kull naħa tal-kwadri, pitter żewġ armi: waħda tal-Papa Ljun XIII u l-oħra ta' Mangion, ta' l-aħħar benefatturi tal-kappella. Meta fis-snin sebgħin tas-seklu XX inżebgħet il-kappella, dawn id-dekorazzjonijiet ġew mgħottija kollha. X'ħasra!



*Il-ventaltar tal-festa*

Ritratt: Louis Vassallo




Exotic Furniture & Home Interiors
Hope Street, Mosta
Tel: 21417689
Mob: 7925 9627, 7947 0102



**Kampnar u sagrisjtija**

■ L-istil arkitettoniku ta' din il-kappella hu bejn wieħed u ieħor bħal dawk il-knejjes li nbnew fis-seklu XVII. Minn ġewwa għadna ngawdu s-sbuħija oriġinali tagħha, imma l-introduzzjoni tal-kampnar, għalkemm jiġbed l-għajn, ħassar xi ftit l-istil oriġinali li bih kienet mibnija l-faċċata ta' barra. Fis-snin tmenin tas-seklu li għadda, żdiedet is-sagristija li għalkemm ċkejkna tiswa mitqlu deheb.

**Il-qniepen**

■ Il-kampnar ewlieni hu mgħammar bi tliet qniepen. Il-qanpiena tan-naħa tax-xellug fiha miktub 'Carlo Pace 1909', waqt li fuq il-qanpiena l-kbira li tidher fuq in-naħa ta' barra nsibu miktuba fuqha din il-frażi: 'Sumptibus Populi – Salvator Cauchi – Fecit A.D, 1848'. Kenneth Cauchi li hu studjuż tal-qniepen f'Malta, jgħid li din il-qanpiena hi l-ewwel waħda li ħadem Salvu Cauchi f'Malta. Il-qanpiena ż-żgħira ma nsibu l-ebda kitba fuqha.

**Il-kwadru**

■ Il-kwadru titulari hu xogħol Filippo Dingli u li sar fl-1640. Fuq nett tal-kwadru naraw il-Madonna tal-Grazzja xxerred il-qtar tal-ħalib fuq l-erwieħ tal-Purgatorju. Il-qtar tal-ħalib ħiereġ minn sider il-Madonna fuq l-erwieħ, hu simbolu tal-grazzji. Fuq il-lemin naraw lil San Anard liebes it-tonka sewda u bil-katina f'idejh. Ħdejh, naraw lil San Ġwanni l-Battista, waqt li fin-naħa tax-xellug nilmħu lil San Bernard, li hu l-qaddis ta' isem il-benefattriċi Bernarda Mangion. L-Anġlu Kustodju jidher isfel nett, qed jeħles l-erwieħ imsejkna bl-interċessjoni tal-Verġni Marija.

**Kurżità**

■ Jista' jagħti l-każ li San Ġwann Battista huwa mdaħħal fil-kwadru ħdejn San Anard minħabba l-għejdut ta' missirijietna li jgħid li fl-Assedju l-Kbir deheret il-Madonna tal-Grazzja flimkien ma' San Anard u San Ġwann Battista fuq is-swar. Però hawn min hu tal-fehma li San Ġwann daħal minħabba t-tifel ta' Bernarda Mangion li kien saċerdot u kien jismu Ġwanni. Dan il-kwadru hu ffirmat mill-artist Filippo Dingli. Hu interessanti l-fatt li meta l-kwadru ġie restawrat fis-snin tmenin tas-seklu li għadda, mis-Sinjorina Josephine Mary Schembri minn Ħ'Attard, inkixfu l-ismijiet li Filippu Dingli kien kiteb taħt kull qaddis. Kien hemm żmien ukoll li sider il-Madonna tpitter bħall-kumplament tal-libsa, waqt li l-Bambin libbsuh sidrija! Naturalment kollox reġa' nkixef meta sar dan ir-restawr, biex qegħdin nerġgħu ngawdu din l-opra fl-istat oriġinali tagħha.

**Il-ġewwieni**

■ Fuq nett tal-kwadru, fi plakka għaliha, nsibu skrizzjoni bil-Latin li tgħid "captivorum salvator", li tfisser ħellies ta' l-ilsiera. L-artal hu maħdum bil-ġebla Maltija. Fuq kull naħa ta' l-artal ninnutaw żewġ statwi ta' daqs medju li juru x-xbihat ta' San Leonardo u ta' Sant'Antnin. L-istatwa ta' San Anard hija xogħol ta' Lecce u ġiet mogħtija lill-kappella mill-famija Sammut. Jingħad li d-dar ta' din il-familja ġarrbet ħsarat kbar fl-aħħar gwerra, iżda l-parti fejn kienet miżmuma din l-istatwa ma ġralha xejn! Il-familja Sammut ħasset li għadha tirregala din l-istatwa għażiża lil din il-kappella. L-istatwa ta' Sant'Antnin ta' Padova ġiet irregalata minn Dun Karm Dingli. Sant'Antnin kien patri Franġiskan li kien jgħix fi żmien San Franġisk. Il-kult tiegħu f'Malta x'aktarx li daħal mal-miġja tal-Franġiskani. Ta' kull sena, nhar it-13 ta' Ġunju, issir il-festa ta' dan il-qaddis fil-kappella ta' San Anard, fejn fiha jitbierek u jitqassam il-ħobż lid-devoti tiegħu. Il-ħobż ta' Sant'Antnin hu marbut ma' kult qadim fejn fost ħwejjeġ oħra, hu mifhum li min jiekol minn dan il-ħobż ma jdumx ma jitfejjaq mill-mard li għandu, f'qasir żmien.

**Ta' Pompej**

■ Fil-kappella nsibu wkoll statwa tal-Madonna ta' Pompej mogħtija minn Ġammari Mifsud. Is-santwarju li jinsab f'Pompej huwa ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju li l-festa tagħha taħbat nhar is-7 ta' Ottubru. Imma nhar it-8 ta' Mejju jitfakkar it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' dan is-

santwarju u din id-devozzjoni daħlet ukoll f'Malta. F'dan il-jum toħroġ quddiesa fil-11.00 jew fil11.30 ta' filgħodu biex f'nofsinhar kulħadd jiltaqa' flimkien għall-famuża supplika jew talba speċjali lill-Madonna tar-Rużarju magħrufa bħala 'ta' Pompej'. Din id-devozzjoni għada sal-lum tiġi pprattikata fil-kappella ta' San Anard nhar it-8 ta' Mejju.

**Il-festa**

■ Bernarda Mangion kienet għamlet tajjeb biex il-festa ta' San Leonardu tiġi ċċelebrata bil-kant ta' l-ewwel u t-tieni għasar u b'quddiesa kantata. Il-festa tiġi organizzata fl-ewwel Ħadd ta' wara s-6 ta' Novembru. Wara l-quddiesa tal-festa ssir antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. Ta' min jgħid ukoll li matul it-tlitt ijiem ta' matul il-festa jsir ukoll it-tridu. Dari, il-festa ta' ġewwa l-kappella kienet tiġi ċċelebrata billi lejliet il-festa jitkanta l-ewwel għasar. F'jum il-festa filgħodu kienet titqaddes quddiesa kantata. Filgħaxija, wara li jitkanta l-għasar, kien jinħareġ pulptu żgħir fuq iz-zuntier tal-kappella, fejn minn fuqu l-qassis jinseġ priedka dwar San Leonardu u tingħata l-Barka Sagramentali. Il-ventartal li jiġi armat għall-festa tal-qaddis patrun, huwa tas-satin abjad irrakkmat bil-ħarir u d-deheb. Dan kien sar fi żmien ir-rettur Dun Karm Camilleri Chetcuti u nħadem b'sengħa kbira mis-sorijiet Agostinjani tal-Mosta. Fin-nofs ta' dan il-ventartal naraw madaljun impitter li juri lill-Isqof San Remiġ jgħammed lil San Anard. Jingħad li x-xogħol tar-rakkmu kien qam £30 u bla dubju hu meqjus bħala wieħed mill-isbaħ ventartali li għandna fil-kappelli tal-Mosta.



Ritratt: Simon Dimech

**Il-kanopew artistiku tal-kappella ta' San Anard**

**Opra ġdida**

■ Kif rajna flimkien, din il-kappella, għalkemm ċkejkna fid-daqs, hi mżejna b'dak kollu possibbli biex matul il-festa tal-patrun tkun imlibbsa bl-isbaħ armar. U sabiex jikkumplimenta l-ventartal li semmejna, nhar is-Sibt, 6 ta' Novembru 2004, Mons. Bartilmew Bezzina bierek kanopew tat-tabernaklu ġdid li hu stess għoġbu jħallsu b'tifkira tas-Sena Ewkaristika. Id-disinn tiegħu sar mis-Sur Joseph Borg li ħażżeż bosta xogħolijiet artistiċi għar-Rotunda. Dan il-kanopew inħadem mis-Sinjorina Marion Cefai mir-Rabat u hu kollu xogħol ta' l-idejn li jitlob reqqa u sengħa liema bħalha. B'hekk din l-opra ġdida turina kif fi żminijietna din il-kappella għadha maħbuba min-nies tal-ħâra u mill-Mostin kollha. U d-devoti ta' San Leonardu għadhom sal-lum bi ħrara kbira u bl-approvazzjoni tal-Knisja, itennu b'vuċi għolja jew fis-skiet ta' ruħhom din it-talba sabiħa:

*O kbir benefattur ta' l-umanità Leonardu mqaddes, faraġ tal-maħqurin, tama ta' l-imjassrin, lejk nirrikorru fil-bżonnijiet tagħna. Kbir huwa l-mertu tiegħek quddiem Alla u aħna għandna fiduċja qawwija fik li tagħmilna ħenjin. Eħlisna bit-talb tiegħek mid-disgrazzji pubbliċi u privati; imma speċjalment aqlgħalna mingħand Alla l-maħfra ta' ħtijietna, il-qawwa li ma naqgħux fid-dnub u l-ħeġġa li ngħixu fl-osservanza tal-liġi divina, u fil-prattika tal-virtujiet kollha; sabiex jistħoqqilna li niġu ngawdu miegħek, il-paċi tat-tajbin. Hekk ikun.*

**Esperjenzi**

■ F'intervista li Manwel D Schembri kien għamel lix-xwejjaħ Mosti Paċifico Saliba, u ppubblikata fil-programm tal-festa ta' Santa Marija 2001 maħruġ mis-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, niltaqgħu ma' silta partikulari fejn Saliba jiddeskrivi l-festa ta' San Anard fi tfulitu: "Konna narmaw il-pjazza ta' din il-knisja ċkejkna. Meta ġie l-elettriku għamilniha ġenna. Qabel konna nduru l-ħwienet biex jagħtuna ftit żejt għat-tazzi biex nixegħluhom fil-festa. Kien ikun hawn in-nar. U anka ġiġġifogu; kienu jgħidu li jagħmlu wieħed minn Għawdex u Ta' Bexlek kien jagħmel xi vapur jaqsam il-pjazza ta' San Anard."

Esperjenza simili oħra nsibuha mxandra fil-magażin *Il-Kunsill Tiegħek* maħruġ mill-Kunsill Lokali tal-Mosta f'Jannar 2003 (nru 19). Il-kunsillier Ivan Bartolo kiteb hekk: "Noqogħdu qrib il-kappella ta' San Anard. Meta kont żgħir fil-festa tal-qaddis li tiġi ċċelebrata Ħadd wara s-6 ta' Novembru, kont naħseb li jien parti minn din il-parroċċa u mhux dik ta' Santa Marija, għax bil-mod li bih konna niċċelebraw din il-festa kien wieħed sempliċi, iżda nspjegabbli. Niftakar drawwa ħelwa fost il-ġirien, fejn fil-ġimgħa tal-festa konna nżejnu nkawtru tal-qaddis bil-bozoz mat-tieqa li tagħti għat-triq. Minħabba li l-knisja kienet mingħajr sagristija, wara l-festa konnha ninġabru għand l-aħwa Dimech għal dik id-daqsxejn kafè tajba bil-biskuttini tant tajbin li kienu u għadhom jafu jagħmlu dawn l-aħwa."

**Opportunità**

■ Bosta huma dawk l-għaqdiet reliġjużi tal-parroċċa li jiġbru l-membri tagħhom biex jorganizzaw laqgħat ta' talb f'din il-kappella. Fosthom ta' min isemmi x-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla u tal-Legion of Mary. Barra minhekk, il-misraħ ta' quddiem il-kappella li bix-xieraq hu msemmi għall-qaddis patrun, qed ikun għażla awtomatika biex fih jittellgħu diversi kunċerti mużikali, serati letterarji u ljieli Maltin matul is-sajf. Għaż-żiffa ħelwa ta' filgħaxija fl-isfond tal-kampnar fuqani, imdawwal għall-okkażjoni, il-Mostin qed ikollhom l-opportunità li jgħaddu ftit ħin fejn il-kultura u d-divertiment jitħalltu flimkien f'dan il-misraħ qadim li jfakkarhom fil-Mosta ta' żmien il-furbani. U bħal donnhom isibu għeruqhom, għeruq l-antenati tagħhom eżattament f'dan il-post.

**Patrimonju**

■ Wieħed jista' jinnota u jammira l-indafa u ż-żamma ta' dan il-ġojjell fil-qalba tal-Mosta u li ġie fdat f'idejna minn missirijietna. U din ir-responsabiltà daħlu għaliha b'dedikazzjoni u mħabba numru ċkejken ta' Mostin ħawtiela li jirsistu b'ħidmiethom, mhux biss matul il-jiem tal-festa, iżda wkoll matul il-bqija tas-sena. Minn qalbna għandna niżżu ħajr lil dawn it-talin, fosthom lis-Sur Raymond Grech u lill-aħwa Dimech[1], żewġ xebbiet anzjani, talli permezz ta' l-indokrazzjoni tagħhom jibqgħu jżommu ħaj dan il-kult meqjum f'dan il-maqdes f'ġieħ San Anard. Dan il-patrimonju hu tiegħek u tiegħi. Ngħożżuh flimkien. Dan hu dmirna lkoll.

---

[1] Dun Karm Camilleri Chetcuti li kien rettur tal-kappella ta' San Anard, kien jiġi z-ziju t'omm l-aħwa Dimech.

*Referenzi*

Inrodd ħajr b'mod speċjali lill-ħabib tiegħi Raymond Grech, tat-tagħrif utli li għogbu jgħaddili u tal-paċenzja li ħa bija biex dan l-artiklu jissaħħaħ aktar fil-binja tiegħu. Nirringrazzja wkoll lil Dun Salv Magro ta' l-informazzjoni u l-għajnuna li tani.

Galea, V.J., *Qwiel u qaddisin* (Malta: 1999), 191-4, 197.
Kilin, *A hundred wayside chapels of Malta and Gozo* (Malta: 2000), 91-2, 106-7.
Borg, J. & Sant, J.A., *It-toroq tal-Mosta* (Malta: 1998), 11.
Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta, Programm tal-festa 1995 (Malta: 1995), 81-4.
Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta, Programm tal-festa 2001 (Malta: 2001), 194.
Kunsill Lokali Mosta, *Il-Kunsill Tiegħek: Leħen il-Kunsill tal-Mosta*, 19 (Malta: 2003), 11.